MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1837/2002

**Untours Insurance Agents Ltd. ghall-Qatar Insurance kif surrogati fid-drittijiet ta' Anthony Borg u l-istess Anthony Borg**

**Vs**

**Maria Camilleri**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm180.60 (mija u tmenin lira Maltin u sittin centezmu) in linea ta' danni soffruti fl-incident li sehh fit- 8 ta' Ottubru 2001 bejn vetturi LCC 087 misjuqa mill-konvenuta u EBD 973 misjuqa mill-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fis-27 ta’ Dicembru 2003 u naqas li jidher u lanqas meta gew ipprezentati l-kapitoli fid-19 ta’ Jannar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------